MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 507/2004

**Awtorita ta Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar**
**vs**
**Joseph Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta Marzu 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin lira erbgha u ghoxrin centezmu (LM325.24) rapprezentanti spejjes mahruga mill-Awtorita attrici (Dok LZ2) sabiex jitwettqu x-xogholijiet necessarji ndikati fl-avviz numru ECF 1251/01 Dok LZ1 stante l-inadempjenza tal-istess konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 25 ta April 2003 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 29 ta Marzu 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici stante (a) li huwa ma kienx responsabbli ghal ksur in kwistjoni (b) l-ammont

mitlub mhux minnu dovut (c) L-azzjoni mehuda u l-ammont mitlub ma kienx gustifikat u (d) b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi mressqa mill-atturi konsistenti fix-xhieda tal-enforcement officer Charles Debattista u s-set ta dokumenti minnu esebiti markati lkoll Dok CD1 u kif ukoll id-dokumenti esebiti mal-avviz bhala Dok LZ1 u Dok LZ2 kif konfermati minn Johann Buttigieg;

Ra li ghalkemm il-kawza thalliet ghal diversi drabi ghal provi tal-konvenut, huwa naqas li jidher jew iressaq il-provi tieghu in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu mressqa.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-ragunijiet premessi huwa jsib it-talbiet tal-Awtorita attrici gustifikata u kwindi filwaqt li qieghed jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut qed jilqa t-talba tal-Awtorita Attrici u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-Awtorita Attrici s-somma rikjesta ta tliet mija u hamsa u ghoxrin lira erbgha u ghoxrin centezmu (Lm325.24) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta April 2003 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------